# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1274/18/1 GM**

**Odette Abela**

**v.**

**Josephine Cassar, u b'sentenza in parte tal-20 ta' Mejju, 2019, ġew imsejħa fil-kawża Anna Ferrito, Anthony Mifsud, Carmen Dimech u George Abela**

1. Il-partijiet huma ulied Riccarda magħrufa bħala Ludgarda Abela, li mietet fl-10 ta' Ottubru, 1996 u Nazzareno Abela li miet fis-27 ta' April, 2004. Is-suċċessjoni ta' omm il-partijiet tinsab regolata permezz ta' testment *unica charta* datat 16 ta' Ġunju, 1995, filwaqt li s-suċċessjoni ta' missier il-partijiet tinsab regolata permezz ta' testment sigriet datat 26 ta'

Novembru, 2004. L-eredi nominati mill-konjuġi Abela kienu uliedhom kollha, filwaqt li t-tnejn ħallew xi prelegati lill-attriċi. L-attriċi intavolat din il-kawża għaliex, skont hi, il-konvenuta Josephine Cassar kienet qed tirrifjuta milli timitti lill-attriċi fil-pussess tal-legati mħollija lilha in kwantu għas-sehem tagħha, u kompliet tirrifjuta li tagħmel dan minkejja li ġiet debitament interpellata biex tagħmel hekk.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1) "Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenuta hija obbligata li timmetti lill-attriċi fil-pussess tal-legati mħollija lill-attriċi mill-ereditajiet ta' Riccarda magħrufa bħala Ludgarda Abela u ta' Nazareno Abela, u ċjoe' kumplessivament in kwantu għas-sest indiviż spettanti lill-konvenuta bħala eredi fil-legati ta':
>
> a) "l-intier tad-dar f'Santa Venera (illum Birkirkara), Triq Fleur de Lys, bin-numru mitejn tlieta u disgħin (293), bl-għamara kollha *a limine intus* li tkun fiha, b'eċċezzjoni ta' flus kontanti, oġġetti ta' deheb, fidda u ħaġar prezzjuz, kotba ta' Banek lokali u esteri, u titoli li jissarrfu fi flus.
>
> b) "nofs indiviż tal-garaxx bin-numru ħdax (11), St. Paul's Garages, fi Triq Ġulju ċ-Ċenturjun, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u tal-fond "Northview", bin-numru tnejn u sittin (62), f'Islet Promenade, Buġibba, San Pawl il-Baħar.
>
> c) "nofs indiviż mill-garaxx bin-numru ħdax (11), illum numru sebgħa u għoxrin (27), f'Old Railway Road, Santa Venera.
>
> 2) "Tordna u tikkundanna lill-konvenuta timmetti lill-attriċi fil-pussess tal-legati mħollija lilha kif dikjarat permezz tat-talba preċedenti;
>
> 3) "Tordna li tali mmissjoni fil-pussess għandha ssir permezz ta' att pubbliku, u konsegwentement tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni ta' dak l-att, taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-istess att kif ukoll taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil kull eventwali kontumaċi fuq dak l-att"."

3. B’sentenza tal-Ewwel Qorti tal-20 ta’ Mejju, 2019, ġew kjamati in kawża Anna Ferrito, Anthony Mifsud, Carmen Dimech u George Abela, ilkoll eredi tal-konjuġi Abela, li ġew sussegwentement dikjarati kontumaċi permezz ta’ deċiżjoni tal-Ewwel Qorti datata 9 ta’ Ottubru, 2019, u li fil-verbal tad-9 ta’ Ottubru, 2019, iddikjaraw li qed jaderixxu għat-talbiet tal-attriċi fir-rikors maħluf tagħha.

4. Permezz ta’ nota konġunta preżentata mill-attriċi u l-konvenuta Josephine Cassar ġie maqbul illi kellha tingħata sentenza preliminari dwar l-ewwel, it-tieni u r-raba’ eċċezzjonijiet tal-konvenuta, kif ukoll il-kap tal-ispejjeż relattiv. Dawn l-eċċezzjonijiet jaqraw hekk:

> “1. Illi preliminarjament l-azzjoni ta’ l-attrici hija nulla u improponibbli stante li in effetti dak li qed titlob l-attrici hija d-divizjoni parzjali ta’ l-eredita tal-genituri tal-partijiet u l-konvenuta qatt ma tat il-kunsens taghha ghad-divizjoni parzjali ta’ l-istess eredita;
>
> 2. Għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet testamentari u l-eredita' ta' missier il-kontendenti, l-attriċi ma setgħet qatt tipproponi l-azzjoni minnha proposta in kwantu hija ddekadiet minn dak li tħalla lilha permezz tattestmenti li jirregolaw l-eredita' ta' missierha in kwantu aġixxiet bi vjolazzjoni tal-klawsola komminatorja kontenuta fl-istess testmenti u għalhekk kull ma huwa spettanti lilha mill-istess credita` huwa d-dritt tal-leġittima spettanti lilha skont il-liġi;
>
> 4. “L-hekk imsejħa l-eredi l-oħra fil-premessi tar-rikors promotur ma setgħu qatt validament jimmettu fil-pussess lill-attriċi tal-prelegati allegatament spettanti lilha in kwantu huma stess kienu milquta mill-klawsola komminatorja kontenuta fit-testmetni ta’ missier il-partijiet u għalhekk huma wkoll kienu ddekadew minn kull benefiċċju li kien imħolli lilhom bis-saħħa tal-istess testmenti u dak spettanti lilhom illum huwa biss il-leġittima spettanti lilhom fil-liġi.”

5. Bis-sentenza preliminari tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta’ Diċembru, 2021, ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad l-ewwel, it-tieni, u r-raba' eċċezzjonijiet.
>
> Spejjeż relattivi a kariku tal-konvenuta."

6. Wara li ġiet debitament awtorizzata sabiex tippreżenta appell mis-sentenza parzjali tal-Ewwel Qorti, il-konvenuta Josephine Cassar preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 ta' Jannar, 2022, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjoni tagħha u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

7. L-attriċi preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-3 ta' Frar, 2022, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata, anki jekk hemm bżonn għal raġunijiet differenti.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

8. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni, għaliex naqset milli tieħu in konsiderazzjoni li l-każ odjern jitratta sitwazzjoni mhux daqstant ordinarja fejn jekk kemm-il darba daħlet fis-

seħħ il-klawżola komminatorja il-ko-eredi malli attakkaw it-testment in kwistjoni ddekadew mill-wirt ta' missierhom u ma baqgħux la eredi, la prelegatarji u lanqas legatarji. Targumenta li din il-klawżola komminatorja kienet intiża li tolqot kemm l-eredi u kif ukoll lil legatarji li kellhom jitilfu kull benefiċċju mħolli lilhom skont it-testment u jibqgħalhom biss id-dritt għal-leġittima jekk jattakkaw it-testment ta' missierhom. Iżżid li inoltre ma tistax issir id-diviżjoni tal-eredità qabel ma jiġi stabbilit definittivament min huma l-eredi u l-leġittimarji. Targumenta li diviżjoni parzjali tal-eredità ma tistax isseħħ jekk mhux bil-kunsens tal-ko-eredi kollha.

9. L-attriċi appellata twieġeb li l-oġġett imħolli bi prelegat jiġi mħolli speċifikatament lill-eredi nominat prelegatarju u għalhekk dak l-oġġett jiġi prelevat mill-eredità u ma jidħol qatt fil-qasma, għaliex inkella tiġi stultifikata x-xewqa tat-testatur. Targumenta li sabiex jitqies li hemm diviżjoni parzjali ta' eredità jrid qabel xejn ikun hemm talba li tirrigwarda oġġett li dwaru hemm komunjoni ta' proprjetà, filwaqt illi fil-każ odjern hija qed titlob immissjoni fil-pussess tal-legati partikolari mħollija lilha li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 721(1) tal-Kodiċi Ċivili huma proprjetà esklussiva tagħha u ilhom hekk sa minn dakinhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Nazzareno Abela. Issostni li t-talba għall-immissjoni fil-pussess ta' legat ma tista' qatt titqies bħala talba għal qsim parzjali ta' wirt għaliex l-oġġett legat ma jista' qatt jidħol fil-qasma tal-massa ereditarja.

10. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-konvenuta, permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, tilqa' għat-talba tal-attriċi billi ssostni li din tammonta għal diviżjoni parzjali tal-eredita` *de quo.*

Dak li qiegħdha titlob l-attriċi huwa l-immissjoni fil-pussess ta' dar u ta' garaxx, liema immissjoni diġa` ngħatat mill-werrieta l-oħrajn għar-rigward ta' sehemhom. Il-kweżit huwa jekk l-immissjoni fil-pussess ta' legat huwiex tip jew modalita` ta' qasma tal-eredita`. M'hemmx dubju li meħud mill-*punto di vista* tal-lingwaġġ popolari, l-immissjoni fil-pussess ta' legat jifforma parti mill-likwidazzjoni tal-assi ereditarju. Din hija wkoll il-fehma tal-konvenuta.

Il-Qorti tifhem bis-sħiħ il-frustrazzjoni tal-konvenuta li, filwaqt li oħtha l-attriċi qiegħdha titlob il-beni mħollija lilha b'legat, mhix qiegħdha titlob ukoll il-qsim tal-beni l-oħrajn tal-wirt. Iktar u iktar meta għaddhiet minn saga sħiħa ta' kawżi u ħutha saħansitra attakkaw it-testment ta' missierha.

Il-Qorti iżda trid taċċerta x'tifhem sewwa sew il-liġi bil-kelma *"diviżjoni"* bħala l-punt tat-tluq biex twieġeb għall-kweżit imqanqal mill-konvenuta.

Suġġett tad-diviżjoni huwa dak li mhux diviż; fi kliem ieħor dak li huwa indiviż.

Fi kliem il-liġi, **"Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dakinhar tal-mewt tat-testatur, jedd… li jirċievi l-ħaġa mgħoddija lilu bil-legat".** Huwa ġeneralment aċċettat mid-dottrina u mill-ġurisprudenza li l-proprjeta` ta' legat tgħaddi mingħand it-testatur għal għand il-legatarju fil-mument tal-mewt tat-testatur. Dan ukoll qabel ma jiġi mmess fil-pussess mill-werrieta. Għalhekk il-legatarju qatt ma jifforma parti mill-komunjoni ereditarja, imma huwa sempliċiment kreditur tagħha:

> "*La coeredita` non tollera la presenza di legatari: fra questi ultimi e gli eredi non e` configurabile alcuna comunione ereditaria.*
>
> *"In presenza di un legato di specie, il diritto di proprieta` sul bene si trasmette dal testatore al legatario al momento della morte del primo (art. 649 cod. civ.), con esclusione di una contitolarita` fra l'erede ed il legatario*"

L-istess kunsiderazzjonijiet jgħoddu għall-prelegarju:

> "*Per la stessa ragione, non si realizza alcuna contitolarita` fra i coeredi e il prelegatario*".

> *"In ordine all'efficacia del prelegato, la dottrina migliore mette in luce come, nel caso in cui l'oggetto del prelegato sia la proprieta` di una cosa determinata, o altro diritto, appartiene al testatore al momento della sua morte, l'incidenza della disposizione testamentaria anche sulla quota ereditaria del prelegatario, non impedisca l'efficacia diretta, in cui essa sia suscettibile, con riferimento all'intero ammontare della stessa (Brunelli8, 346; Cicu, Testamento 2a ed., Milano 1969, 240; Masi, 104; Trabucchi, 612). Ne discende che, all'apertura della successione, il prelegatario acquistera`, direttamente ed a titolo di legato, la proprieta` della cosa di cui si tratti, o, in generale, il diritto oggetto della disposizione (Gangi, 53; Masi, 104ss.), ed ai coeredi, egli non dovra` richiedere che il possesso per la parte loro spettante (Gangi, 53; Masi, 106*)".

> Għalhekk, ġjaladarba l-proprjeta` tal-legat tgħaddi mill-ewwel għand il-legatarju mal-mewt tat-testatur, din qatt ma tifforma parti mill-eredita` indiviża li tgħaddi għand il-werrieta. Għalhekk, l-att ta' immissjoni fil-pussess ma jikkostitwixxix qasma, la totali u lanqas parzjali. U ma jikkonċernax lill-werrieta. Tant hu hekk, li l-legatarju jista' jitlob l-immissjoni fil-pussess anke jekk l-eredita` tkun ġjaċenti, u ċjoe` qabel ma tkun maqsuma. L-istess kunsiderazzjonijiet li jgħoddu għal-legat jgħoddu wkoll għall-prelegat, minkejja li t-titolari tal-prelegat ikun tabilfors ko-werriet. Tant li anke skont il-ġurista awtorevoli **Bianca**:
>
> > *"Il prelegatario puo` pretendere che il suo diritto di credito sia sodisfatto con i beni dell'eredita`* ***anteriormente alla divisione****".*
>
> Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel eċċezzjoni ma tistax tirċievi favur."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

11. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa infondat. Kif sewwa kkonsidrat l-Ewwel Qorti dak imħolli mit-testatur permezz ta' prelegat ma jifformax parti mill-komunità ereditarja u l-proprjetà tal-istess tgħaddi mill-ewwel għand il-prelegatarju mal-mument tal-mewt tat-testatur. Ladarba dak imħolli permezz ta' prelegat ma jifformax parti mill-komunità ereditarja, l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat ma tista' qatt tikkwalifika bħala qasma tal-eredità kif tikkontendi l-appellanti, ladarba m'hemm l-ebda kwistjoni ta' ko-proprjetà fir-rigward tal-prelegat.

12. Dwar l-argumenti tal-appellanti relatati mal-klawsola komminatorja l-Qorti tagħmel referenza għal dak ikkonsidrat minnha fuq din il-materja fit-tieni aggravju.

13. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

14. Permezz ta’ dan l-aggravju l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ċaħdet it-tieni u r-raba’ eċċezzjonijiet tagħha għaliex hija żbaljata l-konsiderazzjoni li bl-aġir tagħha hija rrinunzjat għad-dritt li titlob l-applikazzjoni tal-klawżola komminatorja fil-konfront ta’ ħutha. Targumenta li l-atti li tirreferi għalihom l-Ewwel Qorti bħala prova ta’ rikonoxximent tal-partijiet l-oħra fil-kawża bħala eredi kienu kollha atti ffirmati u preżentati mill-Avukat Pierre Lofaro li huwa l-avukat li jippatroċinja lill-partijiet l-oħra fil-kawża. Targumenta wkoll li skont il-ġurisprudenza rinunzja taċita trid tirriżulta minn fatti assolutament irrikonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volontà preċiża tar-rinunzja. Issostni li dan ma jirriżultax fil-każ *de quo* tant illi malli t-transazzjoni ma’ ħutha ma baqgħetx possibbli u probabbli hija talbet it-tkomplija tal-proċeduri legali u ġudizzjarji bejn il-partijiet. Targumenta li l-fatt li parti tippreżenta ittra uffiċjali biex tikkonserva d-drittijiet tagħha għal

finijiet ta' preskrizzjoni mhijiex espressjoni ta' rinunzja definittiva ta' dritt kif lanqas ma hija prova ta' rinunzja l-fatt li hija qablet li xi assi jiġu mqassma bejn il-partijiet. Tgħid li l-partijiet l-oħra bl-ebda mod ma kkontestaw il-validità tal-klawżola komminatorja jew li l-aġir tagħhom kien jikkostitiwixxi vjolazzjoni tal-istess u għalhekk ma kien hemm l-ebda impediment leġittimu li din tiġi applikata fil-konfront tal-partijiet l-oħra fil-kawża.

15. L-appellata twieġeb li hija ma taqbilx mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti iżda mhijiex qed tinterponi appell jew appell inċidentali peress illi hija ma tistax tappella mill-motivazzjoni meta ma tkunx sokkombenti fil-parti operattiva tad-deċiżjoni, u żżid li huwa magħruf li l-Qorti tista' tikkonferma d-deċiżjoni appellata anke għal raġunijiet ben diversi minn dawk esposti fis-sentenza appellata. Targumenta li l-azzjoni li kienet ġiet proposta minnha u mill-kjamati in kawża għall-impunjazzjoni tat-testment sigriet ta' missier il-partijiet ma kinitx waħda temerarja iżda anzi eżerċizzju leġittimu tad-dritt tagħhom li jiddeduċu pretensjonijiet ġudizzjarji li hu dritt li l-liġi tagħti lil kull persuna u li bħala eżerċizzju ta' dritt ma jwassal qatt għal ħtija kif dispost fl-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili. Targumenta li għalhekk sabiex jingħad li kien hemm xi ħtija da parti tagħha kellu jintwera li l-azzjoni proposta minnha u mill-kjamati in kawża kienet temerarja u mill-atti tal-kawża ma jirriżulta minn imkien li hija istitwiet jew mexxiet il-kawża tagħha dolożament jew b'*culpa* tant gravi li

hija ekwiparabbli għal *dolo*. Iżżid li l-*mala fede* trid tiġi ppruvata minn min jallegaha u l-fatt waħdu li s-sentenza kienet ġiet appellata ma jwassalx sabiex tiġi stabbilita l-*mala fede* neċessarja sabiex tiġi radikata l-applikazzjoni tal-klawsola komminatorja, tant illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma ttieħdu l-ebda provvedimenti jew ordinijiet fil-konfront tal-attriċi minħabba li l-azzjoni jew l-appell tagħha kienu fiergħa jew vessatorji. Targumenta li fi kwalunke każ il-konvenuta rrinunzjat għall-effetti tal-klawsola komminatorja ladarba mill-atti jirriżulta li l-konvenuta wettqet liberament u volontarjament *atti de erede* flimkien u kollettivament mal-attriċi u l-kjamati in kawża, fosthom il-ħlas ta' legat favur il-Kurja Arċiveskovili u kkonsentiet għal u pparteċipat fil-qasma tal-attiv likwidu appartenenti din l-istess eredità. Issostni li dan l-aġir tal-konvenuta huwa kompletament irrikonċiljabbli mar-rieda tagħha li tinsisti fuq l-applikazzjoni tal-klawżola komminatorja għaliex meta hija pproċediet fil-konfront tal-attriċi u tal-imsejħin fil-kawża fil-kwalità tagħhom ta' eredi minflok ma nsistiet li mhumiex eredi kif issostni li kellha l-jedd li tagħmel, hija impliċitament u taċitament irrinunzjat għall-effetti tad-dekadenza, għaliex dawn iż-żewġ pożizzjonijiet huma kompletament opposti għal xulxin u allura rrikonċiljabbli. Tgħid li dan ukoll jgħodd fir-rigward tal-ittra uffiċjali li hija bagħtet sabiex tiġi mmessa fil-pusses tal-prelegati mħollija lilha għaliex huwa magħruf li talba bħal din għandha tiġi diretta fil-konfront tal-eredi, u wkoll għal meta l-konvenuta riedet tissokta l-kawża quddiem it-Tribunal tal-Qsim tal-wirt proprju għall-qsim tal-wirt ta' bejnha u bejn il-

werrieta l-oħra, u minn imkien ma jirriżulta li xi wieħed minn dawn l-atti sar mingħajr preġudizzju.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "It-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet huma bbażati fuq il-premessa li l-attriċi ddekadiet mid-drittijiet testamentarji tagħha minħabba li attakkat it-testment ta' missierha.
>
> L'hekk imsejħa klawżola komminatorja hija disposizzjoni importanti fost id-disposizzjonijiet testamentarji *poenae nomine*. Hija kundizzjoni li ma jiġix attakkat it-testment jew disposizzjonijiet partikolari tiegħu, li permezz tagħha t-testatur jipprova jassikura ir-rispett tar-rieda tiegħu u biex jevita t-tfaqqis ta' kawżi fost il-werrieta. Dan jagħmlu billi jhedded it-telf tal-vantaġġ patrimonjali jew jimponi xi sanzjoni oħra. Għalhekk dawn is-sanzjonijiet għandhom effett doppju. B'mod preventiv joħolqu pressjoni psikoloġika fuq il-benefiċċjarju biex iwettaq dak li jkun talab id-*de cuius*, u, fl-istess waqt, jekk il-benefiċjarju xorta ma jwettaqx ir-rieda tal-mejjet, għandhom funzjoni ripressiva u sanzjonarja.
>
> Id-disposizzjonijiet testamentarji taħt kundizzjoni huma rregolati mill-Kodiċi Ċivili. Skont **Art. 710, "Kull disposizzjoni, b'titolu universali jew partikolari, tista' ssir mingħajr ebda kondizzjoni jew taħt kondizzjoni**". Skont **Art. 711**(1), "**Il-kondizzjoni impossibbli, jew kuntrarja għal-liġi, jew għall-għemil xieraq tagħmel ma tiswiex id-disposizzjoni li fiha tkun magħmula**". Imbagħad **Art. 712** jpoġġi s-sanzjoni tan-nullita` fuq il-kundizzjoni li l-benefiċjat m'għandux jiżżewweġ jew jerġa' jiżżewweg (salv xi eċċezzjonijiet) filwaqt li **Art.713** jimponi l-istess sanzjoni fuq kondizzjoni li tipprojbixxi lill-werriet milli jinqeda bil-benefiċċju tal-inventarju. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fejn il-kondizzjoni ma titqiesx invalida mil-liġi, ir-rieda tat-testatur għandha tiġi rrispettata u mhux tinġieb fix-xejn permezz ta' argumenti aktarx ta' laqta skolastika – inkluża r-rieda tat-testatur li min jattakka t-testment iġorr il-konsegwenzi.
>
> Il-ġurisprudenza tagħna kellha okkażjonijiet – anke jekk mhux ħafna – li fihom tqis il-validita` u l-effetti ta' dak li fil-foro tagħna tissejjaħ il-*klawżola komminatorja*; kif ukoll jekk min jattakka r-rieda tat-testatur li jkun għamel klawżola bħal din, iġarrabx l-effetti tagħha. Il-Qorti sejra tiċċita s-sentenzi b'mod kronoloġiku.
>
> (i) Is-sentenza l-iktar antika hija ***Pace v Rossi*** mogħtija minn din il-Qorti, sintendi diversament ippreseduta. Il-Kaptan Antonio Rossi innomina lill-atturi werrieta ta' terz ta' ġidu b'testment tas-27 ta'

Ġunju 1858. Fit-8 t'April 1864 fetħu kawża bħala l-eqreb konsangwini tal-Kaptan biex jattakkaw trasferimenti li l-Kaptan kien għamel permezz ta' donazzjonijiet kif ukoll permezz tat-testment tiegħu. Huma allegaw li t-trasferimenti ma kinux jiswew għaliex l-istess beni kienu ġew imħollija lilu mis-Sarċerdot Giuseppe Rossi taħt il-liġi tal-fedekommess. B'sentenza tal-1865, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Jannar 1866, il-Qorti ċaħditilhom it-talba. Fetħu kawża kontra l-armla tal-Kaptan biex jiġu ddikjarati werrieta ta' terz tal-ġid tal-Kaptan, li ppreżentat kontro-talba biex jiġi ddikjarat li kienu ddekadew mill-porzjoni ereditarja tagħhom għaliex kienu attakkaw it-testment tal-Kaptan. Il-Qorti ċaħdet il-kontrotalba bl-ispejjeż. Is-sentenza ġiet appellata iżda ġiet deżerta fl-appell.

Il-Qorti kkunsidrat li l-kawża li kienu fetħu (u tilfu) l-atturi kienet ibbażata fuq (allegat) ksur ta' disposizzjoni preċedenti bi preġudizzju għall-atturi bħala vokati tat-testment ta' qabel tas-saċerdot Giuseppe Rossi. Klawżoli komminatorji, skont id-dottrina, u speċjalment **Voet**, iridu jiġu ristretti, anzi, ċirkoskritti biss għall-każijiet "***evidentemente temerarie ed ingiuste"*** ( fi kliem il-Qorti). Voet għallem li "*non videntur venire contra voluntatem defuncti qui vel de voluntate ipsi dubitant, vel de validitate ejus"* – ma jitqiesx li wieħed ikun qiegħed imur kontra r-rieda tal-mejjet jekk jiddubita x'kienet ir-rieda tiegħu, jew il-validita` tagħha – kif ukoll li *'comminatio poenae facere non potest ut ea quoe contra jus in testamento cauta sunt, subsistant.* Fl-aħħarnett il-Qorti qalet li jekk disposizzjoni tiġi attakkata bħala nulla għaliex illeċita, il-klawżola komminatorja tkun ukoll nulla.

(ii) Fis-sentenza ***Caterina vedova Camilleri*** Michele Camilleri, b'testment *unica charta* mat-tieni mara tiegħu Caterina, ħalla għalqa *Tal-Casar* fiż-Żurrieq lit-tfal tal-ewwel żwieġ b'mod li biha kellhom ikunu "*taciti, contenti e sodisfatti, senza poterne null'altro pretendere dall'asse del suddetto testatore".* It-tfal tal-ewwel żwieġ fetħu kawża għall-firmazzjoni u likwidazzjoni tal-assi soċjali; f'dak il-waqt ma kinux jafu li kien sar it-testment. L-armla (it-tieni mara tal-mejjet) qalet li kienu ddekadew mill-benefiċċju fit-testment. Il-Qorti qalet li l-kawża ma kinitx tattakka d-disposizzjoni paterna; u, anke li kieku kellha titqies li tattakkaha, dan ma kienx iżommhom milli jżommu t-terren lilhom imħolli billi kwalunkwe kundizzjoni mposta mill-missier kienet ineffikaċi. Il-Qorti kkwotat lil Bruuneman: "*quando non valet dispositio, non subsistit etiam conditio poenalis; ne per indirectum concedatur quod directe est prohibitum."* Għalhekk ċaħdet it-talba.

(iii) Fis-sentenza ***Attard v Stivala19*** t-testatriċi mponiet obbligu lil bintha biex tħallas dejn. Bintha għamlet kawża li permezz tagħha ppruvat li fil-fatt id-dejn ma kienx jeżisti u għalhekk ikkontestat it-testment. Il-Qorti ċċitat lil ***Pace v Rossi*** kif ukoll lil **Borsari** li qal li kulħadd għandu jedd jiddefendi d-drittijiet tiegħu "*ed una tale facolta`, esercitata in buona fede, non potrebbe mai divenire il soggetto di biasimo o di una pena qualsiasi"*20. Il-Qorti qalet li l-

klawżola komminatorja kienet bla siwi kemm għaliex kienet qiegħdha timponi piża fuq il-leġittima – ħaġa li tikser liġi ta' ordni pubbliku – kif ukoll għaliex il-kundizzjoni tippresupponi fatt li ma jeżistix.

(iv) Is-sentenza ***Zammit v Zammit21*** hija l-unika sentenza f'din il-materja li ġiet mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Eredi testamentarju talab dikjarazzjoni li legat impost fuqu li jħallas – ħanut fi Triq il-Fontana Għawdex - ma kienx kollu tat-testatur; li ma qalx li kien jaf b'dan il-fatt. Il-Prim'Awla ddeċidiet li għalkemm huwa elementari li min jaċċetta eredita` testata huwa obbligat jirrispetta d-disposizzjonijiet kollha kontenuti fit-testment; tali rispett ma jiġix nieqes meta wieħed (kemm jekk legatarju kif ukoll eredi) jesiġi li tiġi nterpretata l-intenzjoni leġittima tat-testatur. Il-Qorti ċċitat lil ***Pace v Rossi*** u lil ***Attard v Stivala*** inkluż iċ-ċitazzjoni li din l-aħħar sentenza għamlet mill-**Borsari**.

Il-Qorti iċċitat ukoll lill-**Fadda:**

> *"Il divieto fatto nel testamento al legatario di recar molestia all'erede sotto pena di decadenza, non implica il divieto di proporre contro l'erede domande che siano per loro natura ragionevoli, e che, avendo fondamento nella legge, costituiscono l'esercizio di un legittimo diritto".*
>
> "Illi fl-aħħarnett, kif jista' jiġi deżunt mill-motivazzjoni ta' ***Delicata v Doublesin*** l-impunjazzjoni hemm lokha minħabba nfermita mentali, jew kapitazzjoni, jew xi inkapacita` legali oħra tat-testatur, oltre, naturalment, il-vizzji tal-forma jew il-limiti mposti mil-liġi għall-atitudni tad-disponent;
>
> "Illi kwindi għandu jingħad li l-attriċi mhix qiegħdha timpunja t-testment, iżda biss qiegħdha titlob interpretazzjoni ġudizzjarja tiegħu – żewġ ordnijiet ta' ideat għal kollox distinti, tant mill-punt legali kemm loġiku."

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. Hija ċċitat lil **Baudry-Lacantinerie, Laurent**, u **Ricci.** Fost l-oħrajn, **Laurent** jiċċita sentenza tal-Qorti ta' Gand li, abbażi tad-dritt Franċiż antik, ġie addottat il-prinċipju li ma hemmx dekadenza jekk l-eredi li kkontesta d-disposizzjoni kien in bwona fede. **Laurent** jirreferi għal sentenza ta' Qorti Franċiża li qalet li m'hemmx dekadenza "quando la contestazione ha un motivo legittimo". **Ricci** jidher li hu favur din id-distinzjoni, u, konformement għad-dottrina Taljana ta' żmienu, jillimita d-dekadenza għall-każ li fih l-impunjazzjoni tkun temerarja u vessatorja. Ricci jgħid ukoll li m'hemmx dekadenza jekk it-testatur ma jkunx żamm fil-limiti tal-liġi.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet ukoll li:

> "*Del resto*, il-klawsola komminatorja ma tistax tiġi estiża b'dan il-mod li jippretendi l-appellant. Jgħid a propożitu l-**Pacifici Mazzoni**, ibid. Vol. VII, p.337:- "*La condizione imposta all'erede di non molestare il legatario non puo' dirsi mancata per qualsiasi domanda che quegli*

*promuova contra il legatario medesimo. Imperciocche' come ebbe a dichiarare la Corte Suprema di Torino, e' conforme a ragione, ai principi generali di diritto, ed alla costante giurisprudenza, che in siffatte contingenze vuolsi distinguere tra domanda e domanda; e quindi non ritenere vietate quelle istanze promosse contro il legatario o suoi aventi causa che siano per loro natura ragionevoli, o che altrimenti, avendo fondamento nella legge stessa, vengano a costituire l'esercizio di un legittimo diritto*". U dan l-awtur jiċċita fin-nota diversi deċiżjonijiet tal-Qrati;

"Deċiżjoni tal-Qorti ta' Trani, mhux inkluz f'dawk li jsemmi n-nota l-Pacifici Mazzoni, tgħid hekk:- "*Il divieto posto dal testatore di non insorgere contro le sue disposizioni testamentarie a pena di decadenza dalla disponibile o dai legati, non deve essere inteso in un senso assoluto e rigoroso, ma in un senso relativo; ossia di non insorgere se le disposizioni testamentarie fossero giuste e legali; perche' se ingiuste, erronee, illegali, l'insorgimento contro le disposizioni testamentarie sarebbe l'eco della legge, e non opposizione alla volonta' paterna" (Coen, voce Successione, para. 1447)*".

Il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid li l-ħtieġa li t-testatur jiddikjara li jaf li l- ħaġa li jħalli b'legat ma tkunx tiegħu hija disposizzjoni biex jiġu evitati litiġji u għalhekk hija waħda ta' ordni pubbliku; l-istess bħall-forom imposti fil-proċedura ċivili.

Il-Qorti mbagħad iċċitat is-sentenza **Camilleri v Camilleri** fejn qalet li m'hemmx dekadenza meta jkun hemm motiv leġittimu.

(v) Fil-kawża **Farrugia v Farrugia** din il-Qorti diversament ippreseduta ma kinitx konvinta li kien hemm provi biżżejjed li l-konvenut qala' l-inkwiet bejn l-aħwa b'mod li kellu jiddekadi mill-benefiċċju tat-testment. Irriżultalha biss li ħa Lm700 fi flus kontanti li ordnat li jirritorna. Għalhekk ċaħdet it-talba għall-applikazzjoni tal-klawżola komminatorja. Il-Qorti iżda ċċitat lil **Zammit v Zammit** fil-parti fejn din stabbilhiet li l-klawżola komminatorja hi valida salv li ma tkunx kuntrarja għal-liġi, għall-kostumi tajba jew għall-ordni pubbliku. Iċċitat lil **Pace v Rossi** li llimitat l-effetti tal-istess klawżola għal każijiet manifestament temerarji u inġusti. Imbagħad iċċitat lil **Pacifici Mazzoni** li kiteb li d-divjet impost mit-testatur ma jgħoddx jekk id-disposizzjonijiet testamentarji jkunu "*ingiuste, erronee"*inkella*, "illegali".*

(vi) Il-kawża **Debattista v Debattista** kienet dwar allegata dekadenza minħabba li waħda mill-werrieta kienet ivvizzjata bid-droga u ipotekat sehemha indiviż mill-wirt. Din il-Qorti, diversament ippreseduta, iċċitat lil **Zammit v Zammit.** In-nullita` ma kinitx minħabba ksur ta ordni pubbliku, anke għaliex l-effett kien li l-eredi ssir leġittimarja. Ċaħdet it-talba għal dekadenza. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza. Qalet li l-vizzju tad-droga ma kienx relatat

mat-testment; l-ipoteka kien fuq sehem il-werrieta u ma kinitx qiegħdha tagħmel xi pretensjoni fuq sehem il-werrieta l-oħrajn.

(vii) Il-kawża **Muscat v Muscat** kienet dwar allegata dekadenza minħabba li kien hemm xi ostakli minn xi werrieta. Iżda din l-oppożizzjoni bħala fatt ma rriżultatx. Il-Qorti ċċitat lil **Debattista v Debattista.**

Fi tnejn mis-sentenzi suċċitati (*Camilleri v Vassalli* fejn intalbet il-firmazzjoni tal-assi biex jiġi ddeterminat jekk il-leġittima kinitx baqgħet mittiefsa u *Zammit v Zammit* fejn it-testatur ħalla b'legat ħaġa li ma kinitx kollha tiegħu bla ma stqarr dan), il-Qorti sabet li l-kawżi li saru ma kinux verament jattakkaw it-testment. L-istess jista' jingħad b'mod impliċitu fil-każ ta' *Attard v Stivala* fejn dejn allegat mit-testatriċi ma kienx tabilħaqq jeżisti. Fil-każ ta' *Pace v Rossi* kien hemm allegat ksur tal-liġi fit-testment li iżda ma rriżultatx. Il-prinċipji legali li dawn is-sentenzi jagħmlu riferenza għalihom, partikolarment b'riferenza għad-dottrina, iridu jinqraw fid-dawl ta' dawn il-fattispeċje partikolari; ċerti kummenti saru *obiter.* Barra minn hekk, din il-Qorti qajla għandha għalfejn tfakkar li f'Malta m'għandniex id-dottrina tal-preċedent, anke jekk il-ġurisprudenza għandha ċerta awtorita` li m'għandhiex tiġi mwarrba kif ġieb u laħaq. Dejjem suġġett għal din l-ammonizzjoni, jista' jingħad li mill-ġurisprudenza suċċitata jistgħu jinstiltu dawn il-prinċipji:

(i) Il-klawżola komminatorja hija, bħala tali, valida, iżda trid tiġi nterpretata restrittivament. Ma tapplikax għal attakki li jsiru fuq it-testment minħabba nfermita` mentali, jew kaptazzjoni, jew xi inkapacita` legali oħra tat-testatur. Lanqas tapplika għal vizzji tal-forma.

(ii) Klawżola komminatorja li timpedixxi li t-testment jiġi attakkat hija valida biss sakemm ma timponix kundizzjonijiet li jmorru kontra l-bon kostum jew il-liġi – bħal meta timponi tnaqqir tal-leġittima, jew legat ta' ħaġa li ma tkunx tat-testatur bla ma jiddikjara dan il-fatt, jew it-testatur jordna l-ħlas ta' dejn li fil-fatt ma jkunx jeżisti.

(iii) Anke jekk ma tmurx kontra l-bon kostum jew kontra l-liġi, attakk fuq it-testment ma jġibx id-dekadenza sakemm ma jkunx wieħed manifestament inġust u temerarju (skont uħud mis-sentenzi; l-iktar dawk antiki) jew (għallinqas) jekk ikunu magħmulin in bwona fede – bħal meta ssir kawża biex jiġu ffirmati l-assi sabiex jiġi ddeterminat ġietx miksura l-porzjoni minima riżervata għat-tfal tal-ewwel żwieġ; jew jekk il-ħaġa mħollija b'legat kinitx tabilħaqq tat-testatur. S'intendi dawn il-każijiet iseħħu l-iktar meta l-benefiċjarji jiftħu kawża u jitilfuha. Dan għaliex huwa prinċipju li kull min ġenwinament u raġonevolment jemmen li għandu dritt, għandu jkollu l-jedd li jiddefendih fil-Qorti, u m'għandux jiġi kkastigat jekk ma jingħatax raġun mill-Qorti.

Interessanti ferm huma l-iżviluppi iktar riċenti fil-ġurisprudenza u dottrina Taljani. Din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel aċċenn għalihom, mhux għax japplikaw kollha għal-liġi tagħna, inkella għax din il-Qorti għandha ssegwihom, imma bħala eżerċizzju ta' dritt komparattiv li jservi biex joħorġu iktar il-karatteristiċi u l-qagħda tad-dritt tagħna:

(i) Skont il-ġurisprudenza Taljana, id-disposizzjoni testamentarja *poenae nomine* hija ekwivalenti għad-**disposizzjoni kondizzjonali riżoluttiva.** Hemm xi ġuriskonsulti li jsostnu li mhix kondizzjonali riżoluttiva imma ta' dekadenza li għalhekk ma taħdimx b'mod awtomatiku, bħall-kondizzjoni riżoluttiva, imma tinħtieġ domanda ġudizzjali. Id-dottrina prevalenti iżda mhix f'dan is-sens u taqbel mal-ġurisprudenza; "*fa rientrare la clausola di decadenza nel meccanismo risolutorio, lo piu` diretto ed immediato per raggiungere lo scopo avuto di mira dal testatore".*

*(ii) Skont il-**Bianca"***

*'Uno clausola spesso ricorrente e` quella che prevede la risoluzione della disposizione testamentaria a carico di chi impugni in tutto o in parte il testamento.*

*"Sebbene non manchino indicazioni giurisprudenzaiali favorevoli34 deve ritenersi che tale condizione sia illecita in quanto lesiva del fondamentale diritto di difesa (art. 24 Cost.). Mediante tale condizione, infatti, si mira a privare il soggetto di un lascito testamentario come sanzione per aver agito in giudizio.*

*"In contrario non vale addurre la natura dispositiva degli interessi che formano oggetto della disposizione punitiva. Il diritto di difesa, lesa da tale disposizione, prescinde infatti dalla natura delle ragioni che si fanno valere e dalla fondatezza delle stesse.*

*"Illecita deve considerarsi anche la clausola che commina la risoluzione della disposizione testamentaria a chi promuova comunque causa agli altri coeredi o collegatari".*

*(iii) Skont il-**Bonilini u Conforini:***

"*Fra le clausole di decadenza assume particolare importanza la condizione di **non impugnare** il testamento, o singole disposizioni, con la quale il testatore mira ad assicurare il rispetto delle sue volonta' e ad evitare l'insorgere di liti giudiziarie tra gli eredi.*

*"Secondo la prevalente dottrina il divieto imposto dal testatore non viola il principio della tutela giurisdizionale dei diritti, di cui agli art. 2 e 24 Cost., non limitando diritti fondamentali e indisponibili dell'individuo. Il problema della loro liceita' va quindi risolto caso per caso, sulla base del criterio*

*ermeneutico generale, valevole per tutte le condizioni testamentari, della contrarieta' alle norme imperative, all'ordine pubblico o al buon costume (Di Mauro, Condizioni, 134). Piu' precisamente, bisogna distinguere tra azioni a contenuto pubblicistico, come quelle riguardanti la lesion della legittima o la capacita' di testare o di ricevere per testamento, insuscettibili di essere dedotte in condizione e quindi illecite, e azioni a contenuto privatistico, che possono formare oggetto di condizione (Bollini, Manuale di diritto ereditario e delle donazioni, 2 ed., Torino, 2003, 207; Di Mauro, Condizioni illecite cit., 131; CAPOZZI, Successioni e donazioni, I, 2 ed., Milano, 2002 478). Si e' obiettato che la distinzione e' artificiosa perche' il diritto di difendere giudizialmente i propri diritti e' assolutamente indisponibile, essendo quella liberta' garantita dall' art. 24 Cost. E dall'art. 47 della Carta di Nizza, sicche' nessun divieto di impugnazione del testamento puo' reputarsi lecito. (Toti, Condizione, 448ss.)".*

*"La giurisprudenza di merito ha* dichiarato la nullita' della condizione di non impugnare genericamente le disposizioni testamentari "per qualiiasi motivo", (A.Lecce, 29.7.1963; A.Milano, 4.5.1951)".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-klawżola ġenerika tat-testatur Nazzareno Abela, safejn għandha tinftiehem li hi fil-limiti mposti mill-Kodiċi Ċivili suċċitati, hija waħda valida u għandha tiġi rrispettata. Tabilħaqq, l-attriċi ma tikkwerelax il-validita` ta' din il-klawżola komminatorja. Issostni biss li l-attakk fuq it-testment bħala wieħed null minħabba difett fil-forma ma kienx wieħed irraġonevoli, anke jekk l-allegazzjoni f'dan is-sens ġiet miċħuda mill-Qorti, u allura l-attriċi ma ġietx milquta bis-sanzjoni komminatorja. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġonament. Jirriżultalha li l-vera motiv wara l-attakk fuq it-testmenti sigrieti ta' Nazzareno Abela huwa li l-konvenuta u familjari tagħha ġew ippreferuti fuq werrieta oħrajn. Ikkummentat dwar dan il-Qorti tal-Appell fil-kawża li saret biex jiġu attakkati t-testmenti. L-attakk fuq it-testment minħabba allegata nullita` minħabba difett fil-forma kien wieħed temerarju u vessatorju, li l-iskop tiegħu kien li tiġi mminata r-rieda tat-testatur li tiġi rrispettata l-aħħar volonta` tiegħu mingħajr inkwiet fost il-werrieta.

**Rinunzja:**

Forsi ben konxju tal-vessatorjeta` tal-attakk fuq it-testmenti sigrieti ta' Nazzareno Abela, l-abbli avukat patroċinatur tal-attriċi, fis-sottomissjonijiet bil-fomm aħħarija quddiem din il-Qorti, għażel li jirribatti mhux billi joqgħod fuq id-difiża billi jimpunja l-validita` tal-klawżola komminatorja, jew billi jargumenta li bl-aġir tagħha l-attriċi (u ħutha) ma nkorrewx is-sanzjoni tad-dekadenza; iżda li jmur fuq l-attakk bl-argument li l-konvenuta kienet irrinunzjat għad-dritt tagħha li tgawdi mill-klawżola komminatorja.

Il-konvenuta Josephine Cassar fetħet il-kawża għall-qasma tal-wirt tal-ġenituri **qabel** ma' l-attriċi u l-imsejħin fil-kawża fetħu kawża biex jattakkaw it-testmenti sigrieti ta' missierhom. Sa hawn ma jistax jingħad li rrinunzjat għaliex it-testment kien għadu ma ġiex attakkat.

Appena nfetħet il-kawża biex jiġu attakkati t-testmenti sigrieti, il-proċeduri quddiem it-Tribunal għall-Qsim tal-Wirt twaqqfu pendenti l-eżitu tas-sentenza finali li ġiet ippronunzjata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 2010. Il-konvenuta Josephine Cassar, attriċi fil-kawża għall-qasma tal-wirt tal-ġenituri, ġibdet l-attenzjoni tat-Tribunal għall-klawżola komminatorja permezz ta' rikors tat-22 ta' Frar 2011. Fid-9 ta' Mejju 2011 ippreżentat rikors biex tiżdied talba għal dikjarazzjoni ta' dekadenza maċ-ċitazzjoni. B'digriet tal-10 t'Ottubru 2011 it-Tribunal ċaħad it-talba għaż-żieda mat-talbiet iżda rriżerva d-dritt ta' Josephine Cassar li tipproċedi b'kull mezz xieraq biex tiddeduċi l-allegazzjoni tagħha. Anke hawn żgur ma kien hemm l-ebda rinunzja, anzi, Josephine Cassar irriżervat id-dritt tagħha. Minn dan l-istadju l-proċeduri quddiem it-Tribunal ma mxewx 'il quddiem billi l-partijiet għamlu diversi sforzi biex jittransiġu. Fit-23 ta' Ottubru 2012 it-Tribunal ħalla l-kawża *sine die*. Fit-23 ta' Settembru 2015 it-Tribunal iddikjara l-kawża deżerta.

B'ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru 2011 Josephine Cassar talbet lil ħutha jimmittuha fil-pussess tal-legati mħollija lilha minn missierhom bit-testment tal-25 ta' Novembru 2002.

B'ċedola tad-19 ta' Settembru 2013 l-aħwa Cassar kollha "fil-kwalita` tagħhom ta' werrieta ta' missierhom Nazzareno Abela" iffirmata minn Dr. Pierre Lofaro, iddepożitaw is-somma mħollija għal ruħ missierhom.

Fid-19 ta' Novembru 2012 l-aħwa kollha talbu biex jiġu rtirati l-flus iddepożitati minn missierhom fl-HSBC fuq is-solita formola, iffirmata minn Dr Pierre Lofalo. Ilkoll ġew deskritti bħala werrieta. L-istruzzjonijiet kienu li l-flus jiġu ddepożitati konġunt intestat f'isem Dr. Malcolm Mifsud u Carmel Ferritto. Minn dan il-kont inħarġu dawn iċ-ċekkijiet:

| € | | |
|---|---|---|
| 157,000 | Josephine Cassar | 13.02.2013 |
| 44,254 | Odette Abela | 01.07.2013 |
| 30,769 | Registrar of Courts | 17.09.2013 |
| 30.27 | Registrar of Courts | 18.09.2013 |
| 135.29 | Direttur Ġenerali tal-Kummerċ | 27.05.2016 |
| 1,170 | Dr Pierre Lofaro | 03.11.2016 |
| 659.19 | Anne Ferritto | 02.11.2016 |

Permezz ta' skrittura privata tat-28 ta' Marzu 2013 il-partijiet kollha bħala "l-uniċi eredi wlied u werrieta ta' Nazzareno Abela" ftiehmu li jaqsmu l-i*stocks* kollha "f'ishma ndaqs kemm jista' jkun bejniethom".

Huwa ċar mill-fatti suesposti li minkejja li għal diversi snin Josephine Cassar irriżervat il-pożizzjoni tagħha, wara l-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell għarfet lil ħutha bħala werrieta. Dan għamlitu meta

> talbithom jimmittuha fil-pussess tal-legat – ħaġa li tista’ ssir biss minn werrieta, u mhux legittimarji; meta għarfithom bħala werrieta fi skrittura ffirmata minnha, kif ukoll f’korrispondenza ma’ terzi. Ġaladarba rrinunzjat, ma tistax issa tirtira r-rinunzja u taqbad triq oħra.
>
> It-tieni u r-raba’ eċċezzjonijiet għalhekk, ma jistgħux jiġu milqugħin.”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

17. Permezz tat-tieni u r-raba’ eċċezzjonijiet tagħha l-konvenuta appellata ħadet il-pożizzjoni li l-attriċi u l-kjamati in kawża ddekadew minn kwalunke benefiċċju spettanti lilhom skont l-aħħar testment ta’ missierhom minħabba li kienu intavolaw kawża biex jimpunjaw il-validità tat-testmenti sigrieti li kienu saru minn missierhom, bi ksur tal-klawsola komminatorja li missierhom inkluda fl-istess. L-Ewwel Qorti ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet għaliex ikkonsidrat li, għalkemm il-konvenuta kellha raġun li bl-impunjazzjoni tal-validità tat-testmenti sigrieti l-attriċi u l-kjamati in kawża marru kontra l-klawsola komminatorju fit-testment ta’ missierhom għaliex ladarba din it-talba ġiet miċħuda allura l-azzjoni kienet waħda temerarja u frivola, il-konvenuta rrinunzjat taċitament għall-applikazzjoni ta’ din il-klawsola billi għarfet lill-ħutha bħala werrieta.

18. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-azzjoni intavolata mill-attriċi u l-kjamati in kawża biex jimpunjaw il-validità tal-aħħar testment ta’ missierhom tattira l-applikabilità tal-klawsola komminatorja fil-konfront tagħhom. L-ewwel nett din il-Qorti tosserva li

għalkemm klawsoli komminanti mhumiex projbiti mil-liġi jew meqjusa nulli mill-ġurisprudenza, dan ma jfissirx li tali klawsoli jistgħu jintużaw sabiex it-testatur jew xi ħadd mill-eredi jevadu l-applikazzjoni tal-liġi. Huwa minnu li t-testatur għandu libertà wiesgħa sabiex jiddisponi minn ġidu kif irid, iżda din il-libertà mhijiex mingħajr limiti u għandha tiġi eżerċitata *entro* l-parametri tal-liġi.

19. Fil-kawża fl-ismijiet Annie mart Lino Ferrito et v. Josephine mart Alfred Cassar et (Ċit. Nru. 723/05) l-attriċi u l-kjamati in kawża mpunjaw il-validità tat-testmenti sigrieti ta' missierhom għaliex skont huma kien hemm difett fil-forma tiegħu peress li ma kinux ġew magħmula bl-għajnuna ta' Mħallef jew Maġistrat minkejja li missierhom ma kienx jaf jaqra u jikteb. Fil-fehma ta' din il-Qorti klawsola komminatorja ma jista' qatt ikollha l-effett li tipprekludi l-eredi milli jimpunjaw il-validità ta' testment meta r-raġuni tal-impjunazzjoni tkun in-nullità minħabba difett fil-forma. Mhuwiex u m'għandux ikun permissibli li testatur jeżimi ruħu mir-regoli dwar il-forma ta' testment bl-użu ta' klawżola kommintorja, għaliex l-applikabilità ta' dawn ir-regoli hija tassattiva u mhux fakoltattiva, u l-libertà tat-testatur hija limitata biss għal dak li jirrigwarda l-qasma ta' ġidu li ma jifformax parti mill-porzjoni riservata, u żgur li mhijiex intiża sabiex toħloq anarkija legali f'dak li jirrigwarda l-forma tat-testment. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li r-regola li fuqha l-attriċi u l-kjamati in kawża kienu bbażaw il-kawża ta' impunjazzjoni tat-testment tagħhom hija wara

kollox intiża sabiex tipproteġi primarjament lit-testatur innifisu billi tassigura li t-testment ta' testatur li jkun f'pożizzjoni vulnerabbli minħabba li ma jkunx jaf jikteb u jaqra jkun jirrispekja pjenament il-volontà tiegħu minkejja li t-testatur ma jkunx f'pożizzjoni li jivverifika bil-kapaċitajiet tiegħu stess dak li jkun inkiteb fih.

20. Il-Qorti tosserva illi fil-fatt il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana esprimiet ruħha b'dan il-mod fuq din il-materja:

> "Nella delineata prospettiva, la condizione di non impugnare il testamento ès illecita quando impedisce di impugnare disposizioni contrarie a norme imperative, all'ordine pubblico ed al buon costume, o impedisce li esperire azioni guidiziarie volte a far valere diritti indisponibli, mentre risulta valida una dispozione testamentaria che prevede la condizione di non impugnare disposizioni testamentarie a favore di un altro coerede e relative alla disponible."[1]

21. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-kitba ta' Luigi Nonne li dwar liema azzjoni esperita mill-eredi tista' twassal għall-applikazzjoni ta' klawsola komminatorja kontra tiegħu jispjega li "…*nessun problema deriva in merito alla proponibilità dell'azione di nullità avente ad oggetto l'intero testamento; difatti, essa travolgerebbe anche la clausola di decadenza, rendendola non operativa*."[2] L-istess awtur jagħmel referenza għall-opra ta' C. Baumann bl-isem Erbrechtliche

[1] Cassazione, n. 3564 (11/12/1972). Ara wkoll: Cassazione, n. 1084 (05/05/1964).
[2] L. Nonne, 'Appunti sul divieto di impugnazione del testamento' Rivista Internazionale di Diritto Privato Antico e Contemporaneo, Vol. XXIV, 2019-2, 200. Ara wkoll: B. D'Amato, 'Dispozioni particolari collegate al rafforzamento della volonta del testatore' f'(ed. G. Iaccarino) *Successioni e Donazioni,* (Vol. I) (Utet Giuridica, 2017) 965.

Verwirkungsklauseln (2009) u jispjega li dan l-awtur "…*sottolinea come anche nell'ipotesi di infruttuoso esperimento dell'azione di nullità la decadenza non si attivi, sempre in base alla motivazione che debba evitarsi la possibilità, in capo al testatore, di eludere le norme sulle formalità testamentarie. In sintesi, per un'esigenza di certezza giuridica, al disponente non può essere consentito di impedire che sia accertata la nullità del proprio testamento mediante l'utilizzo di una clausola di decadenza*."

22. Għalhekk, ġaladarba l-azzjoni ta' impunjament tat-testment intavolata mill-attriċi u l-kjamati in kawża kienet ibbażata fuq nullità *stante* nuqqas ta' ħarsien ta' formalità meħtieġa *ad validitatem* din il-kawża ma tista' qatt tattira l-applikazzjoni tal-klawżola komminatorja in kwistjoni.

23. Fi kwalunke każ, anke kieku din il-Qorti kellha taċċetta li l-klawżola komminatorja in kwistjoni tista' tkun applikabbli fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-azzjoni li kienet ġiet intavolata mill-attriċi u l-kjamati in kawża kienet temerarja u frivola. Huwa minnu li din il-kawża kienet ġiet ippreżentata għaliex it-testment *unica charta* magħmul qabel it-testmenti sigrieti kien aktar vantaġġuż għall-attriċi u l-kjamati in kawża u għalhekk kellhom x'jiggwadanjaw mid-dikjarazzjoni ta' nullità tat-testmenti sigrieti. Dan ma jistax però joħloq preżunzjoni li l-kawża kienet temerarja jew frivola għaliex il-potenzjal ta' benefiċċju għall-

attur fil-każ li jirbaħ il-kawża intavolata minnu huwa wara kollox dejjem ir-raġuni għalfejn kawża tiġi intavolata. Apparti l-fatt li l-attur irid juri li għandu interess ġuridiku fil-kawża bħala presuppost proċesswali meħtieġ għall-ammissibilità tal-kawża, l-ebda persuna mhija ser tiżborsa tant flus u tinvesti tant ħin fuq proċess ġudizzjarju jekk mhux għax qed tispera li tiggwadanja xi ħaġa fl-aħħar tal-proċess, u din l-isperanza ma tistax tiġi preżunta li hija rraġonevoli jew malizjuża. Minn qari tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Lulju, 2007, jirriżulta li kien fil-fatt minnu li missier il-partijiet ma kienx kapaċi jikteb iżda kien biss kapaċi jiffirma. Fil-fatt dik il-Qorti qalet ċar u tond li t-testment ma kienx qiegħed jiġi dikjarat null għaliex "[l]a darba l-ligi tista` tigi interpretata b`mod wiesgha, ghandha hekk tigi interpretata biex jinghata effett lill-volontà tat-testatur." Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li kien biss b'applikazzjoni wiesgħa tal-liġi li t-testment ġie salvat mill-Qorti juri li l-azzjoni intavolata mill-attriċi u l-kjamati in kawża kienet altru milli temerarja u frivola.

24. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li kienet irrinunzjat għall-effetti tal-klawżola komminatorja, wara li rat l-atti tal-kawża l-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. L-appellanti targumenta li l-atti li rreferiet għalihom l-Ewwel Qorti biex ikkonkludiet li hija kienet irrinunzjat għall-effetti ta' din il-klawsola huma atti li ġew iffirmati biss mill-avukat li kien qiegħed jippatroċina lill-attriċi u l-kjamati in kawża. Fi kliem ieħor l-

appellanti qed targumenta li dawn l-atti ma kellhomx jiġi kkonsidrati bħala prova ta' rinunzja min-naħa tagħha peress ma sarux taħt struzzjonijiet tagħha. Wara li rat l-atti in kwistjoni, minn liema huwa ċar ir-rikonoxximent min-naħa tal-appellanti li ħutha huma wkoll werrieta, il-Qorti tqis li dan l-argument tal-appellanti huwa frivolu u vessatorju. Uħud minn dawn id-dokumenti huma ffirmati mill-appellanti personalment, kif jidher per eżempju mid-dokumenti dwar il-qasma tal-investimenti li kellu missier il-partijiet (*fol.* 341 - 342). Inoltre mhuwiex minnu li kien biss l-avukat patroċinanti ħut l-appellanti li kien involut f'din il-qasma ta' beni. Mill-atti jirriżulta li l-appellanti kienet tat prokura lil Dr. Malcolm Mifsud "[*t*]*o demand and exact from any Bank, authority or Court Registry and from any other person or constituted body any sum of money or other effects which may be due to me from the inheritance of my parents and to deposit these monies in a bank account which will be held jointly by Dr Malcolm Mifsud and Mr Carmel Ferrito."* Mill-atti jidher illi dak iż-żmien Dr. Malcolm Mifsud kien l-avukat patroċinanti tal-appellanti. Għalhekk huwa ċar li dan l-argument tal-appellanti huwa assolutament infondat. Lanqas ma huwa l-każ li din ir-rinunzja ġiet ibbażata biss fuq l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-appellanti sabiex immittewha fil-pussess tal-prelegati mħollija lilha. Kienu diversi l-atti li permezz tagħhom l-appellanti rrikonoxxiet lil ħutha bħala ko-eredi, inkluż billi qasmet ma' ħutha l-assi likwidi ta' missierhom u ħallset lill-Kurja Arċiveskovili l-legat mħolli lilha minn missier il-partijiet.

Għalhekk ir-rinunzja taċita tal-appellanti għall-effetti ta' din il-klawsola hija ċara u manifesta, u għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-konvenuta Josephine Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata, għalkemm għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess appellant. Il-Qorti qiegħda tordna wkoll li l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lill-Ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-każ fuq it-talbiet tal-attriċi appellata u fuq l-eċċezzjonijiet li dwarhom għadha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da